27 ta' April, 1946.

**Imħallef :**

L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

**Concetta Conti ne.** *versus* **Angelo Camilleri et.**

**Paternità Illeġittima — Kontestazzjoni ta' Stat ta' Iben Leġittimu — Att tat-Twelid — Minuri — Liberazzjoni "Ab Observantia".**

*L-azzjoni ta' kontestazzjoni ta' stat ta' iben leġittimu hija inammissibbli biss meta hemm l-att tat-twelid li jattribwixxi l-istat ta' iben leġittimu unit mal-pussess ta' stat konformi għal dak l-att.*

*Meta jikkonkorru dawn iż-żewġ elementi, dak l-istat ma jistax jiġi kontestat mill-iben jew diskonoxxut mill-missier.*

*Fil-każ li ma jkunx hemm il-pussess ta' stat konformi ma' l-att tat-twelid, it-talba għar-reklam ta' paternità illeġittima tista' ssir anki qabel ma r-raġel ta' l-omm ikun ippriva lill-iben mill-paternità leġittima, u anki jekk dan ir-raġel ta' l-omm ikun għex separat biss minnha.*

*Imma l-azzjoni għad-dikjarazzjoni ta' paternità illeġittima mhux xieraq li tiġi eżerċitata minn ħadd ieħor għan-nom ta' iben li ma hux kapaċi jakkonsenti; iżda meta ssir talba simili ma għandhiex tiġi miċħuda, imma jkun hemm lok għal-liberazzjoni "ab observantia", billi 'l quddiem, meta l-minuri jsir "sui juris", jista' jkollu forna-*

*Conti billi jippreferixxi l-istat ta' paternità illegittima.*

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni fejn l-attriċi, fil-kwalità tagħha fuq indikata, wara li ppremettiet illi ma' tul l-aħħar tmien snin hija għexet separata "di fatto" minn żewġha l-konvenut Emmanuele Conti u ma kellha qatt relazzjonijiet konjugali miegħu; u li ma' tul dana l-perijodu hija kellha relazzjonijiet karnali esklużivament mal-konvenut l-ieħor Angelo Camilleri, u minn dawn ir-relazzjonijiet u ma' tul dana l-perijodu twieldu l-minuri Joseph, Manwela u Antonio; u li dawn jinsabu erroneament indikati fir-Reġistru Publiku fl-att tat-twelid tagħhom bħala tfal ta' Emmanuele Conti, u għalhekk magħrufa b'dana l-kunjom (dok. A. B. C); u li l-istess minuri, tant mal-familja tagħha kemm ma' dik tal-konvenut Angelo Camilleri, u anki mal-ġirien kollha, huma magħrufa u trattati bħala tfal tagħha u ta' l-imsemmi konvenut Angelo Camilleri; talbet, għar-raġunijiet fuq miġjuba, li dina l-Qorti tiddikjara illi l-imsemmija minuri Joseph, Manwela u Antonio, illum magħrufa Conti, huma tfal tagħha u tal-konvenut Angelo Camilleri, billi ġew minnhom prokreati; u għalhekk f'dana s-sens tikkoreġi fejn, sakemm, u kif hemm bżonn, l-att tat-twelid ta' kull wieħed mill-istess minuri, li kopja uffiċjali tagħhom tinsab miġjuba ma' l-att taċ-ċitazzjoni u markata rispettivament Dok. A. B. C. Bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Tikkunsidra;—

Illi fl-art. 94 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 23 Ediz. Riv.) jinsab dispost illi ħadd ma jista' jitlob stat kuntrarju għal dak li jagħtih l-att tat-twelid ta' iben leġittimu u l-pussess ta' stat li jaqbel ma' dak l-att. Minn l-ema dispożizzjoni jinġibed illi l-azzjoni ta' kontestazzjoni ta' l-istat ta' iben leġittimu, kif hija l-azzjoni preżenti, tista' tiġi eżerċitata mill-iben meta jonqsu tant l-att tat-twelid kemm ukoll il-pussess ta' stat, jew meta l-iben ikun akkwista biss id-dritt tat-twelid imma mhux ukoll dak tal-pussess ta' l-istat, jew meta jkun hemm biss dan il-pussess ta' stat mingħajr l-att tat-twelid; kif ukoll fil-każijiet kontemplati fl-art. 95 ta' l-istess Kodiċi, li però ma għandhomx x'jaqsmu mal-każ preżenti;

Minn dak li ntqal jirriżulta illi l-azzjoni ta' kontestazzjoni ta' l-istat ta' iben leġittimu hija inammissibili biss meta

jkun hemm att tat-twelid illi jattribwixxi l-istat ta' tifel leġittimu u mit mal-pussess ta' stat konformi għal dak l-att; u dana, kif spjegat l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell tal-Maestà Tiegħu r-Re fis-sentenza mogħtija fil-5 ta' Marzu 1920 fil-kawża fl-ismijiet "Portelli vs. Borg" (Kollez. Vol. XXIV-I-427), għar-raġunijiet li sejrin jiġu ndikati :—

1. Il-għaliex f'każ ta' tifel li jitwieled waqt iż-żwieġ, l-att tat-twelid waħdu jipprova biss illi fil-filjazzjoni materna l-filjazzjoni paterna tirriżulta bħala konsegwenza, billi, stabbilit iż-żwieġ ta' l-omm, it-tifel konċeput waqt iż-żwieġ għandu b'missieru r-raġel ta' dik il-mara, skond il-preżunzjoni stabbilita fl-art. 80 tal-Kodiċi fuq ċitat; imma biss meta jkun stabbilit il-pussess ta' l-istat (kun hemm il-prova kompleta tal-filjazzjoni paterna u materna; u meta l-iben jitwieled waqt iż-żwieġ hemm il-prova sħiħa tal-leġittimità;

2. Il-għaliex l-imsemmija preżunzjoni stabbilita fl-art. 80 hija preżunzjoni "juris tantum", li ssir assoluta u "juris et de jure" meta l-istat ta' iben leġittimu jirriżulta mhux biss mill-att tat-twelid, imma anki mill-pussess ta' l-istat; f'liema każ, skond l-art. 94 tal-Kodiċi ċitat, dak l-istat ma jistax jiġi kontestat mill-iben, u lanqas diskonoxxut mill-missier;

Il-motiv il-għaliex il-liġi timponi bħala kondizzjoni ta' l-inammissibilità ta' l-azzjoni ta' kontestazzjoni u ta' diskonoxximent tal-filjazzjoni leġittima l-konkors ta' l-att tat-twelid u tal-pussess ta' stat, jinsab fil-fatt illi l-att tat-twelid jipprova biss it-titolu għall-istat li huwa neċessarju biex l-imsemmija preżunzjoni stabbilita fl-art. 80 tal-Kodiċi ċitat ma tkunx tista' tiġi kombattuta bi prova kuntrarja. Min-naħa l-oħra, il-pussess biss ta' l-istat ta' tifel leġittimu kuntrarju għall-att tat-twelid jipprova pussess ta' stat ta' iben leġittimu, iżda mingħajr it-titolu għal dak l-istat;

Tikkunsidra;

Illi fil-każ preżenti l-minorenni indikati huma deskritti fl-attijiet tat-twelid tagħhom bħala tfal leġittimi ta' Manwel Conti; u ma setax jiġri diversament, għaliex konformi għal dak li hemm maħsub fl-art. 314 tal-Kodiċi ċitat, jiġifieri illi jekk it-tarbija twieldet minn mara miżżewġa, isem ir-raġel tagħha għandu jitniżżel fl-att bħala dak tal-missier, għad illi jkun hemm dikjarazzjoni kuntrarja, b'eċċezzjoni għal meta r-raġel,

fiż-żmien kollu ta' tliet initt ġurnata ta' qabel il-ġurnata tat-twelid tat-tarbija, kien nieqes minn dawn il-Gżejjer u din l-assenza tkun imwettqa bil-miktub u bil-ġurament quddiem wieħed mill-viżitaturi ta' l-attijiet notarili minn għallinqas żewġ xhieda ta' fiduċja, u għal meta r-raġel għaż-żmien kollu fuq imsemmi jkun għex mifrud legalment minn martu. F'dan il-każ ma jirriżultax li r-raġel ta' omm l-imsemmijin minuri kien assenti minn dawn il-Gżejjer, jew għex "legalment" separat minnha, u kwindi skond l-artikolu ċitat, fl-atti tat-twelid tagħhom ma setax jiġi ndikat missier ieħor ħlief ir-raġel ta' ommhom:

Illi però skond ma ntqal aktar 'il fuq, jekk ma għandhomx il-pussess ta' stat konformi għal dak l-att, it-talba għar-reklam ta' paternità illeġittima hija ammissibili, anki qabel ir-raġel ta' ommhom ma jkun ipprivahom mill-paternità leġittima (sentenza ċitata, u sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tal-Maestà Tiegħu r-Re fil-kawża "Huber vs. Mattei", Kollez. Vol. XXII-I-177, u sentenza mogħtija fil-kawża "Oliva vs. Agius", Kollez. paġ. 159, 28 maggio 1862), u anki jekk dan ir-raġel ta' ommhom ikun għex separat biss minnha, kif fil-każ deċiż bl-imsemmija sentenza tal-Qorti ta' l-Appell fil-5 ta' Marzu 1920;

Tikkunsidra;

Illi però, kif irrilevat din il-Qorti fis-sentenza mogħtija fid-9 ta' Ġunju 1903 fil-kawża "Degiorgio vs. Bonello" (Kollez. Vol. XVIII-II-320), azzjoni bħal ma hija dina l-azzjoni preżenti, jekk ikollha eżitu adeżiv għat-talbiet, tipproduċi żewġ effetti, wieħed morali u ċivili, u l-ieħor pekunjarju, għalkemm eventwali, li jistgħu jkunu kontra l-interess ta' l-imsemmijin minorenni; u għalhekk mhix ħaġa xierqa li dina l-azzjoni tiġi proposta minn ħadd ieħor għan-nom tagħhom li ma humiex kapaċi jakkonsentu. Huwa veru, qalet din il-Qorti fl-imsemmija sentenza, illi kull persuna tista', "tamquam negotiorum gestor" u kwindi "in favoribilibus" tipproponi għan-nom ta' minuri azzjoni li minnha jista' jidderiva vantaġġ lil dak il-minuri, kif meta għan-nom tal-minuri mwieled minn mara libera tiġi proposta l-azzjoni ta' riċerka tal-missier naturali biex tiġi għal dik il-minuri ottenuta pensjoni alimentarja; imma dana ma għandux ikun applikabili għal każijiet bħal preżenti, meta l-minuri jista' mingħajr ma jakkonsenti, għax ma

jistax, jitlef l-istat prezzjuż ta' iben leġittimu, u anki drittijiet pekunjarji;

Illi intant, kif qalet din il-Qorti fl-imsemmija sentenza, mhix haġa spedjenti f'kaz simili li t-talbiet jiġu miċhuda, għaliex l-imsemmijin minorenni, meta jsiru "sui juris", jistgħu jsibu t-termalont tagħhom billi jippreferixxu l-istat ta' persuni illegittimament imwielda, u għalhekk;

Għal dawn il-motivi;

Fil-kontumaċja tal-konvenut Angelo Camilleri;

Tirrevoka "contrario imperio" d-digriet tal-5 ta' Novembru 1945, li bih Concetta mart Emmanuele Conti ġiet nominata kuratriċi "ad litem" tal-minorenni Joseph, Manwela u Antonio, uliedha;

2. Tiddikjara għalhekk illi l-istess Concetta mart Emmanuela Conti kienet u hija persuna illeġittima biex tipproponi dan il-ġudizzju; u

.. Tillibera l-konvenuti mill-osservanza tal-ġudizzju, bl-ispejjeż kontra l-imsemmija Concetta mart Emmanuele Conti fl-isem tagħha proprju.

---